MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 349/2010

**A B B C D**

**-vs-**

**E D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B B C D, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta’ Gunju 2002, mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kinux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) u/jew 19 (1) (h).

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat in-nota ta' E D, li in forza taghha taghti ruhha b'notifikata bir-rikors guramentat u qed tammetti l-istess talba skond il-paramentri tal-affidavit illi qed tipprezenta kontestwalment ma' din in-nota.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-provi prodotti, li dan kien zwieg ta' konvenjenza klassiku. Ir-rikorrenti kellu hamsa u tletin sena u kien qieghed Malta ilegalment. L-intimata kellha

tnejn u hamsin sena, kienet armla u wahedha. Ir-rikorrenti ghamel ta' bir-ruhu li kien ihobbha sakemm accettat li tizzewgu. Meta zzewgu baqa' jghix hajja ta' guvni, anzi b'liberta' akbar minn qabel ghaliex issa kellu permess jibqa' Malta.

B'referenza ghal zwieg ta' konvenjenza, dawn il-Qrati jirritjenu illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*", ("**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Ottubru, 2002).

"*Meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament*", ("**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-16 ta' Jannar, 1998).

Dan stabbilit, il-Qorti ma tqisx il-htiega li tindaga oltre ghar-rigward tal-kawzali l-ohra invokati.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Gunju 2002 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------